

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2006/2129(INI)**

3.7.2007

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar Tiġdid tal-Politika ta' l-UE dwar it-Turiżmu: Lejn partenarjat aktar  
b'saħħtu għat-Turiżmu Ewropew  
(2006/2129(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Stavros Arnaoutakis

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet regolatorji tal-Fondi Strutturali għall-perjodu 2007-2013,
  - wara li kkunsidra d-Deċizzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-Linji Gwida Strateġiċi Komunitarji għall-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013,
- A. billi r-Regolament ERDF għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 jagħmel riferenza speċifika għall-irwol importanti tat-turiżmu fir-rigward ta' l-iżvilupp reġjonali u lokali integrat sostenibbli,
- B. billi t-turiżmu huwa attività intersettorjali li jinvolvi firxa wiesgħa ta' servizzi kif ukoll numru ta' professjonijiet differenti, filwaqt li s-settur tat-turiżmu huwa primarjament immexxi minn intrapriżi tal-familji u intrapriżi żgħar u medji,
1. Jenfasizza l-potenzjal tas-settur tat-turiżmu għat-tkabbir u għall-impjiegi, peress li għandu impatt konkret fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ta' l-Istati Membri kollha, filwaqt li jirrappreżenta riżorsa primarja għal xi żoni (b'mod partikolari żoni rurali u żoni li sejrjn lura, kif ukoll ir-reġjuni periferiċi, il-gżejjer u ż-żoni kostali, speċjalment dawk li jiddependu mis-sajd) u li għandu impatt dirett fuq it-tkabbir tas-setturi l-oħra; jenfasizza l-kontribut tas-settur turistiku sabiex l-ekonomiji ta' dawn iż-żoni joqorbu lejn il-medja tar-rata ta' tkabbir fil-Komunità;
  2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li fil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni tagħraf il-bżonn li tipprepara Aġenda 21 Ewropea għat-turiżmu, u titlob espressament il-promozzjoni tas-sostenibilità fis-settur tat-turiżmu; jenfasizza li s-sostenibilità flimkien ma' koordinazzjoni aħjar tal-politiki fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali huma prekondizzjonijiet bażiċi għal żvilupp effettiv fl-attivitajiet turistiċi, u b'hekk tiġi evitata konċentrazzjoni eċċessiva ta' dawn l-attivitajiet;
  3. Jemmen ħafna li l-wirt storiku u kulturali marbut mal-preżervazzjoni ta' l-ambjent huwa essenzjali biex jinbena l-vantaġġ kompetittiv ta' l-Ewropa fil-qasam tat-turiżmu filwaqt li jiġi garantit żvilupp sostenibbli tar-reġjuni Ewropej, ta' l-ibliet u tal-kampanja u taż-żoni kostali;
  4. Jikkunsidra li l-Kummissjoni flimkien ma' l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jippromwovu u jappoġġjaw finanzjarjament forom ġodda ta' turiżmu (bħall-ekoturiżmu, it-turiżmu fil-kampanja, it-turiżmu soċjali, it-turiżmu tas-saħħa, u oħra) bħala mezz ta' kif jinħoloq l-impjieg, biex jingħelbu l-effetti tat-turiżmu staġjonali kif ukoll biex jinħoloq tkabbir ekonomiku filwaqt li jiġu rispettati r-riżorsi naturali u l-wirt kulturali tar-reġjuni; iqis neċessarju li jissaħħew l-infrastrutturi u s-servizzi pprovduti għall-forom speċifiċi ta' turiżmu, billi jiġu provduti kollegamenti tat-trasport adegwati u sostenibbli u billi jiġu integrati prodotti reġjonali fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u servizzi

turistiċi;

5. Jemmen li ċ-ċertifikazzjoni ta' kwalità għall-prodotti u għas-servizzi, inklużi l-kriterji kondiviżi għall-klassifikazzjoni ta' l-akkomodazzjoni u l-oġġla livell ta' armonizzazzjoni possibbli tal-profilu tal-professjonijiet, u min-naħa l-oħra d-diversifikazzjoni tal-prodotti u tas-servizzi disponibbli huma prerekwiżiti għat-tkabbir tas-settur; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza tal-kapital uman u l-professjonaliżmu f'kull forma ta' turiżmu, iżda b'mod speċjali fejn jenħteġu kompetenzi għall-kura u fil-mediċina; jħeġġeġ bis-siġh lill-Istati Membri u r-Regġuni biex jagħmlu użu mit-taħriġ vokazzjonali u mill-opportunitajiet għal taġġim matul il-ħajja li joffri l-Fond Soċjali Ewropew u strumenti oħra ta' l-UE u dawk nazzjonali;
6. Jemmen li s-suċċess tal-politika l-ġdida ta' l-UE għat-turiżmu jiddependi minn kemm tiġi aċċettata din il-politika mill-partijiet interessati f'kull livell u kemm dawn jieħdu sehem attiv fiha, jiddependi wkoll minn kemm dawn ikunu effettivi fil-promozzjoni tat-turiżmu sostenibbli u mill-kontribuzzjoni attiva biex jinħolqu netwerks tematiċi effiċjenti; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-Regġuni biex jinkoraġġixxu u jappoġġjaw il-ħolqien ta' netwerks u sħubija li jservu għall-iskambju ta' esperjenzi u ta' l-aħjar Prattiki fil-qasam tat-turiżmu, filwaqt li jaċċertaw ruħhom li tgħallmu mill-iżbalji tal-passat, sabiex jiġu evitati fallimenti simili fil-futur, kif ukoll biex jesploraw oqsma ġodda ta' koperazzjoni bħalma huwa l-ġemellaġġ u jikkunsidraw il-possibilità li jwaqqfu fost oħrajn, netwerk speċifiku ta' taħriġ għax-xogħlijiet fit-turiżmu, ibbażati fuq inizjattivi u programmi Komunitarji li diġà jeżistu, li jkunu kapaċi jaħdmu flimkien mas-suq tax-xogħol kif ukoll it-twaqqif ta' netwerk biex wieħed jitgħallem dwar it-turiżmu sostenibbli, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-inizjattivi fi ħdan l-Aġenda Lokali 21;
7. Jenfasizza l-irwol ta' l-SMEs (b'mod partikolari, dawk li qed jibdeu fis-settur turistiku, li qed joffru prodotti turistiċi ġodda jew li huma involuti f'oqsma jew setturi turistiċi ġodda) għall-iżvilupp ekonomiku tas-settur tat-turiżmu; jenfasizza l-bżonn li jitjieb l-aċċess taġġhom għall-informazzjoni dwar il-possibilità li jibbenefikaw mill-istrumenti finanzjarji Ewropej disponibbli (bħal l-FP7, il-programmi IST, il-programmi tal-Fondi Komunitarji, JEREMIE);
8. Jenfasizza l-importanza tas-Sħubiji Pubbliċi-Privati (PPP) bħala strument ta' ffinanzjar għall-iżvilupp tas-settur tat-turiżmu; jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiddefinixxu b'mod aktar ċar il-qafas legali Komunitarju għall-PPPs; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' proġetti li jiġu ffinanzjati fil-livell lokali u reġjonali permezz ta' fondi pubbliċi kif ukoll privati u jitlob aktar attenzjoni lill-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar ta' prodotti turistiċi individwali;
9. Jenfasizza l-bżonn li tinholq kuxjenza akbar fir-rigward ta' l-importanza tat-turiżmu għall-ekonomija u l-iżvilupp reġjonali; jitlob lill-Istati Membri biex jadottaw bis-siġh il-Kontijiet Satelliċi għat-Turiżmu (TSA) u biex jaġġornaw l-istatistika fuq bażi annwali ħalli jigarantixxu li data xierqa tkun disponibbli fil-mument neċessarju bil-għan li l-integrazzjoni ssiha u solida tat-turiżmu fil-politika ekonomika u l-politika ta' l-impjegi tissaħħaħ;
10. Iqis li l-ħolqien ta' qafas u politika għat-turiżmu ġodda, komprensibbli u kompetittivi jitolbu approċċ integrat u koordinazzjoni effiċjenti u miżuri lokali, reġjonali, nazzjonali u

Komunitarji li għandhom impatt dirett jew indirett fuq it-turiżmu, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà; jitlob lill-Istati Membri biex itejbu l-infrastrutturi tagħhom, sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi u biex jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni leġiżlattiva u fiskali fuq livell Ewropew lejn governanza stabbli tas-settur madwar id-dinja kollha;

11. Jitlob lill-Kummissjoni għal darb'oħra biex tippreżenta proposti li jippermettu li s-servizz tal-'catering' (u possibilmment servizzi turistiċi oħra li għadhom mhumiex eliġibbli għal trattament bħal dan) biex jiġi inkluż fil-lista tas-setturi ta' attivitajiet li huma intitolati b'mod permanenti għal rata mnaqqsa tal-VAT, sabiex ikun jista' jiżviluppa l-impjieġ sostenibbli f'dawn is-setturi, u l-impjieġi kkonċernati jiġu modernizzati u li titjeb il-pożizzjoni tat-turiżmu Ewropew fil-konfront tal-kompetizzjoni internazzjonali;
12. Ifakkar li l-ħin tal-mistrieħ u għad-divertiment huma drittijiet mogħtija lil kull bniedem hekk kif ġie stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u jenfasizza l-bżonn li jiġu provduti risponsi xierqa u promozzjoni aħjar u mezzi ta' tixrid sabiex jiġi żgurat li kull kategorija ta' ċittadini (b'mod partikolari l-familji, l-anzjani u persuni b'diżabilità) tkunu tista' teżerċita dawn id-drittijiet billi tgawdi minn infrastruttura mtejba u faċilitajiet għal akkomodazzjoni kif ukoll aċċessibilità usa'. F'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jirrispettaw ir-rekwiżit ta' l-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità waqt il-proċess ta' l-infiq tal-Fondi Strutturali ta' UE;
13. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-UE fis-6 ta' Lulju 2006 rratifikat il-Protokoll dwar it-Turiżmu tal-Konvenzjoni ta' l-Alpi, li jimmira lejn kontribut permezz ta' miżuri u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun Alpin u għat-turiżmu ekoloġiku li jirrispetta l-interessi, kemm tal-popolazzjoni residenti hemmhekk u tat-turisti; huwa tal-fehma li dan il-protokoll għandu jservi bħala xempju għal reġjuni oħra;
14. Huwa tal-fehma li l-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu jiddependi mill-istrateġiji territorjali elaborati fuq il-bażi ta' sħubiji b'saħħithom li jinvolvu l-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jilqa' b'sodisfazzjon it-talba tal-Kummissjoni għal djalogu u għall-involviment ta' l-imsieħba; jirrakkomanda li, waqt il-promozzjoni ta' l-inizjattivi turistiċi, il-Kummissjoni tagħmel enfasi partikolari sabiex tinvolvi lill-imsieħba.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Tiġdid tal-Politika ta' l-UE dwar it-Turiżmu; lejn partenarjat aktar b'saħħtu għat-turiżmu Ewropew
<b>Numru tal-proċedura</b>	2006/2129(INI)
<b>Kumitat responsabbli</b>	TRAN
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 15.6.2006
<b>Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	
<b>Rapporteur</b> Data tal-ħatra	Stavros Arnautakis 11.7.2006
<b>Rapporteur għal opinjoni preċedenti</b>	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	2.5.2007
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	26.6.2007
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 40 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alfonso Andria, Stavros Arnautakis, Elspeth Attwooll, Jean Marie Beaupuy, Jana Boboříková, Bernadette Bourzai, Wolfgang Bulfon, Antonio De Blasio, Bairbre de Brún, Gerardo Galeote, Iratxe García Pérez, Eugenijus Gentvilas, Marian Harkin, Filiz Hyusmenova, Gisela Kallenbach, Evgeni Kirilov, Miloř Koterec, Constanze Angela Krehl, Jamila Madeira, Mario Mantovani, Yiannakis Matsis, Miroslav Mikolášik, Lambert van Nistelrooij, Maria Petre, Markus Pieper, Elisabeth Schroedter, Grażyna Staniszevska, Catherine Stihler, Margie Sudre, Andrzej Jan Szejna, Kyriacos Triantaphyllides, Oldřich Vlasák, Vladimír Źelezný
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Březina, Brigitte Douay, Den Dover, Ovidiu Victor Gañ, Zita Pleřtinská, Toomas Savi, László Surján, Nikolaos Vakalis
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	
<b>Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)</b>	...